MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**vs**

**Herman Mc Kay ta’ 17 sena, iben Martin u Doris Mitwielda Mifsud, mwieled Pieta’ fl-24 ta’ Novembru, 1983, u joghod ‘Mardor House’, Armal Lane, Valletta Road, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 590483 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Herman Mc Kay li gie akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn l-10.04.2001 u l-11.04.2001 waqt li kien fil-post maghruf bhala tal-Hatab, Wied is-Sewda, limiti ta' Hal-Qormi, dahal fir-razzett li jgib l-isem ta' "Noratel Farm" u minn hemm gew ikkommetta serq ta' kwantita' ta' fniek li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu ta' John Fenech minn Hal-Qormi.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli bejn l-10.04.2001 u l-11.04.2001 xjentement laqa' ghandu l-imsemmija fniek li kienu gejjin mis-serq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod lki kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 12/6/2001 fejn intbaghtu l-artikoli skond liema jista' tinstab htija kontra Herman Mc Kay.

Rat li fl-interrogatorju u sussegwentement Mc Kay wiegeb li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll illi fl-14 ta' Settembru, 2001 kienu nqraw l-imsemmija artikoli u li Herman Mc Kay kien ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tirrigwarda serqa ta' fniek mill-farm ta' certu John Fenech. Dawn il-fniek l-istess John Fenech jghid li rahom l-ahhar il-gurnata ta' qabel insterqu fis-7.30 ta' filghaxija (a fol 23). Induna b'din is-serq x'hin mar filghodu ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu a fol 18. Fenech jghid li hu immedjatament mar l-ghassa jaghmel rapport (esebit a fol 27-19 Dok MZ) Mistoqsi kemm kien il-valur ta' dawn il-fniek, Fenech wiegeb li biz-

zrameg b'kollox xi tlett elef lira Maltin (a fol 19), fil-fatt jidher li dawn kienu fniek ta' razza migjuba minn barra. John Fenech xehed ukoll li huwa kien jaghraf il-fniek tieghu minhabba identification tags li dawn kellhom ma' widnejhom.

Dwar l-istess tags, ix-xiri u l-prezz ta' dawn l-annimali xehed Dr Anthony Gruppetta. Issa Dr Gruppetta ta diversi prezzijiet li bihom jistghu illum jinxtraw dawn it-tip ta' fniek. Tkellem fuq prezzijiet ta' Lm 15.50 in-nisa u Lm 20.50 l-irgiel. Qal li konsenji diversi lil John Fenech impurtawlu anke sebghin fenek.

Spjega wkoll il-mod kif dawn il-fniek ikunu tagged u ghalhekk seta' jidentifika mir-ritratti uhud minnhom li hu kien biegh lill-vittma derubat.

Skond Dr Gruppetta hu fi tliet kunsenji ta lid-derubat madwar 140 ras, pero' fl-istess xhieda anzi qabel jitkellem fuq tliet kunsinji ta' cirka 90 ras (a fol 38). Min-naha l-ohra Fenech id-derubat ikkalkola li nsterqulu cirka wiehed u sebghin fenek (a fol 19). Ghalkemm fir-rapport jitkellem fuq 72).

Dan l-ezercizzju din l-Qorti qeghda taghmlu biex tasal ghalhekk ghall-ammont ta' annimali li nsterqu u konsegwentement ghall-valur taghhom. Tista' ghalhekk din il-Qorti b'mod konservattiv tqis li nsterqu wiehed u sebghin fenek u zzomm il-valur fil-minimu tieghu ta' versu hmistax-il lira (LM 15) il-wiehed u ghalhekk tasal ghall-ammont ta' elf u hamsa u sittin lira Maltin tal-valur tal-fniek derubati. Ezercizzju dan li bhala valur qed jinzamm fil-minimu tieghu a beneficcju ta' l-akkuzat stante li l-valur reali ta' l-istess fniek, ghalkemm fil-verita' jidhru aktar gholjin fil-prezz ma giex carament determinat.

Illi gie stabbilit ukoll mir-rapport tas-surgent PS 1298 (a fol 25-29) illi dawn il-fniek instabu fl-istess gurnata li giet rapurtata s-serqa cirka 2.30 p.m. ghand, jew ahjar go kmamar f'ghalqa li qeghdin fil-pussess ta' l-imputat Herman Mc Kay.

Kien ghalhekk li lil Mc Kay ittihditlu stqarrija (a fol 13-14). Hawn l-imputat spjega illi hu kien xtara dawn il-fniek minghand wiehed Gharbi, li ma jafx min hu, ghall-habta tal-11.00 a.m. waqt li kien fil-pjazza ta' San Gorg. Jghid li hu fil-fatt xtara madwar sitta u tletin fenek u b'kollox xtrahom Lm 80. Mistoqsi jekk kienx haseb li dawn kienu misruqa wiegeb li le.

Viva voce Mc Kay rega' qal li hu ma kienx jaf li dawn il-fniek misruqin, lanqas ma ra stramb li dawn kienu jiswew aktar.

Dwar it-tag li ghandhom f'widnejhom dawn il-fniek Mc Kay xehed li tali tag tkun ghax dawn ikunu fniek tar-razza u fil-fatt li kienu jintaghruf biss minn din it-tag.

Spjega fil-fatt li hu tant ma kienx jaf li huma misruqa li anke rrezista li johduhomlu l-pulizija ghaliex hu ien hallas ghalihom.

Senjalament qal li hu kien jaf li kienu fniek New Zealand White u Californa ghax gieli rabba minnhom pero' li dawn kien jixtrihom versu l-prezz ta' Lm 3 – Lm 3.50. Dwar il-post fejn instabu mizmuma dawn il-fniek, Mc Kay xehed li hemmhekk rabba' fniek ohra bla inkwiet ta' mard.

Mistoqsi ghaliex ma gharafx li kienu misruqa wiegeb li ghalih dawn kienu fniek bhall-ohrajn u l-prezz taghhom kien normali.

In kontro ezami baqa' jinsisti li hu xtara dawn il-fniek minghand Gharbi b'van armat hdejn il-knisja ta' San Gorg gewwa Hal-Qormi. Spjega li ghalkemm qal li kien xtara 36 instabu 50 ras dan ghaliex xtrahom ras imb ras versu l-prezz ta' LM 80.

Baqa' jinsisti li xtrahom ghax dilettant taghhom, biex irabbi minnhom u joqtol minnhom.

Fuq domanda tal-Qorti wiegeb ukoll li kien ilu 11-il sena jrabbi fniek. Zied ukoll li meta ra dawn il-fniek bit-tags ma ra xejn barra n-normal. Anzi qal li gieli kien xtara fniek

bit-tags qabel minghand bniedem li jkun jaf x'inhu jaghmel.

Ikkonsidrat

Illi fil-fatt din l-Qorti wara ezami akkurat tal-fatti kif esposti hi tal-fehma illi ghalkemm dawni l-fniek instabu fi zmien qasir ta' sieghat ghand l-akkuzat Mc Kay u ghalkemm dan l-Gharbi huwa bniedem ta' ezistenza misterjuza, pero' dak li qed jghid l-imputat dwar kif gew ghandu l-fniedk huwa probabbli.

Min-naha l-ohra pero' ma tistax din il-Qorti taccetta l-verzjoni ta' l-akkuzat dwar il-konoxxenzi tieghu tal-provenjenza tal-fniek in kwistjoni. Ex admissis Mc Kay ammetta li hu kien ilu hdax-il sena dilettant tat-trobbija tal-fniek. Ex admissis jghid li hu giele rabba dawn it-tip ta' fniek. Allura tali konoxxenza ma kellhiex tinduci almenu suspett li numru minnu mixtri kien pjuttost irhis ghall-prezz ta' Lm 80 "ras imb ras". Barra minn dana kollu bniedem li kellu f'mohhu tat-trobbija u kultura ta' dawn l-annimali kien jassikura almenu post igeniku u aktar addatt ghal daqshekk.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tilliberah mill-akkuzi ta' serq pero' sisbu hati ta' ricettazzjoni u dan wara li rat l-artikolu 334, 261, 278, 279 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-imputat li mhux wahda refrattarja u tikkundannah sentejn habs sospizi ghal erba' snin wara li rat l-artiklu 28A tal-kapitlu 9.

Il-Qorti fehmet lil Herman Mc Kay is-sinifikat u obbligazzjonijiet naxxenti minn sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------